**Laqgha Numru 12/K6/2012**

**Introduzzjoni**

It-Tnax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 28 ta' Marzu 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli **(li wasal fil-5.45pm)** u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Ghal-laqgha kien hemm ukoll il-prezenza tal-pubbliku fosthom membri tal-Kunsill taz-Zghazagh Pembroke.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-21 ta' Marzu 2012. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K6/2012.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K6/2012.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Kwotazzjoni 30/2011.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 11/K6/2012 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li meta kien hemm l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-vot taghha kien li jsir il-hlas tal-kontijiet u mhux li jkun hemm it-tnaqqis mill-kontijiet.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K6/2012.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 4.01, ghall-Minuti 08/K6/2012 item 4.01, ghall-Minuti 03/K6/2012 item 2.01, ghall-Minuti 29/K6/2011 item 2.01 u ghall-Minuti 28/K6/2011 item 2.06 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li kienet ser issir spezzjoni tas-sit fejn il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jigu ndukrata minn diversi residenti, kif ukoll fejn din l-ispezzjoni kellha ssir fil-gimghat li ghaddew flimkien u fil-prezenza ta' membri ohra tal-Kunsill fejn wara ser issir pjanta dettaljata ta' kull sit, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li minhabba xoghol kif ukoll minhabba l-maltemp li kien hemm matul l-ahhar jiem kien qal li ser jipprova li din issir sa laqgha ohra, kif ukoll fejn kien qal li ghad irid isib hin biex din l-ispezzjoni ssir fil-jiem li gejjien, ***is-Sindku Joe Zammit skuza ruhu mal-Kunsill ghax qal li rega' ma sabx hin minhabba mpenji ta' xoghol biex jaghmel dan l-ezercizzju, izda qal li ser jipprova li dan isir fil-jiem li gejja.***

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 4.02, ghall-Minuti 08/K6/2012 item 4.02, ghall-Minuti 03/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 29/K6/2011 item 2.03, ghall-Minuti 28/K6/2011 item 2.12 u ghall-Minuti 27/K6/2011 item 6.24 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jara xi spejjez hemm bzonn biex jithadmu l-kompjuters li l-Kunsill ircieva minghand l-MCA, ***is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol tas-sapport b'dawn il-hadid ghadu qed isir u jispera li jkun lest sa laqgha ohra.***

2.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk qattx sar xi rendikont mill-Kunsill tal-hadid li kien inxtara, x'intuza u x'kien ghad fadal.

2.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-hadid li qed jintuza huwa minn dak li kien ghad fadal u tali ezercizzju qatt ma kien sar.

2.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jitqabbad il-welder li kien ghamel xoghol ghall-Kunsill biex jaghmel dan l-ezercizzju nkluz rapport tal-materjal li kien intuza.

2.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 4.07, ghall-Minuti 08/K6/2012 item 4.11 u ghall-Minuti 03/K6/2012 item 10.01 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fil-gimghat li gejja ssir attivita' edukattiva bi zjara fil-Gnien tal-Palazz Sant'Anton u l-Kċina tal-Palazz kif ukoll ipproponiet li l-bilanc pozittiv minn din l-attivita' u attivitajiet ohra simili li ser isiru tul is-sena 2012 ghandhom imorru ghall-Istrina kif ukoll ***li din issir fil-gimgha tas-16 ta' April 2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol fuq din l-attivita' ghaddej u fil-fatt ircievejna stima fuq din il-materja.***

2.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill meta ser issir l-attivita', xi programm ser ikun hemm kif ukoll kemm ser ikun il-prezz.

2.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li dettalji ser jigu kkonfermata fil-jiem li gejja.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 4.13, ghall-Minuti 08/K6/2012 item 4.13 u ghall-Minuti 03/K6/2012 item 10.07 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fil-gimghat li gejja l-Kunsill jibda jorganizza Story Telling nhar ta' Sibt filghodu kif ukoll fejn irrimarkat li hija lesta li taghti dan is-servizz u kienet ppproponiet li ghandu jinbeda minn nhar is-Sibt 14 ta' April 2012, ***is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ghadu qed jistenna konferma tal-poster qabel dan jintbaghat lir-residenti.***

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 4.17, ghall-Minuti 08/K6/2012 item 14.55 u korrispondenza numru 46/0687/12/I (Ittra mill-Parks Department fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar qlugh ta' sigar tac-cipress informa lill-Kunsill li hemm bzonn il-permess bil-miktub tal-MEPA izda tajjeb li niehdu parir mill-Ufficjal ta' l-Agrikoltura sabiex jinfurmana bl-ahjar zmien), fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien ser jivverifika mar-residenta koncernata dwar x'jista' jsir, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li mar darbtejn id-dar ikellem lis-sinjura izda ma kienetx hemm u ser jerga' jipprova, ***is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien rega' mar u ma kellux l-okkazjoni li jiltaqa' mar-residenta u se jerga' jipprova.***

***2.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fil-5.45pm.***

46/1784/12/I **01/03/2012** Ittra minghand l-MRRA biex jingabru 8 bins ta' l-iskart mid-Dipartiment.

2.14. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 12.79 u ghall-korrispondenza numru 46/1784/12/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li ser jara kif dawn jistghu jingabru, ***is-Sindku Joe Zammit qal li ma setax imur minhabba li ma kellux vettura adattata biex jingabru. Il-kelliem qal li jispera li jkun jista' jaghmel dan fil-jiem li gejja u talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex ifakkru***

46/1809/12/I **02/03/2012** Stima minghand il-MED Developers, Designers & Consultants Ltd. bil-prezz ta' €415.50 biex issir lampa fi Triq Manuel Buhagiar.

2.15. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 12.80 u ghall-korrispondenza numru 46/1809/12/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill japprova din in-nefqa, ***is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ghad irid jissottometti l-applikazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta qabel din tkun approvata mill-istess Korporazzjoni.***

2.16. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 12.110 u ghall-korrispondenza numri **46/1931/12/I, 46/1933/12/I, 46/1944/12/I, 46/1975/12/I u 46/1976/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex ghall-Konferenza ta' l-ECAD tintghazel l-offerta ta' Alpine Travel ghall-prezz ta' €476.19 il-persuna minhabba li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza, ***is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien baghat email lill-Kunsill (46/2018/12/I) fejn b'dispjacir infurmah li jista' jaghti l-kaz li mhux ser ikun jista' jattendi ghal din il-konferenza minhabba mpenji tax-xoghol. Il-kelliem ikkonferma li fil-fatt mhux ser ikun jista' jattendi u talab biex il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jattendi ghal din il-konferenza u ghalhekk ippropona li tissejjah laqgha fil-Kunsill Lokali Pembroke ghal nhar l-Erbgha 4 t'April 2012 fis-6:00pm ghall-membri kollha Maltin fuq dan il-punt. Il-kelliem ippropona biex is-sehem finanzjarju li kien approva l-Kunsill ghall-attendenza tieghu ghal din il-konferenza ghandu jitwarrab ghal-laqgha ta' l-Advisory Board li jmiss, la darba Pembroke huwa membru rapprezentattiv tal-membri Maltin.***

2.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.18. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-membri qablu unanimament dwar l'issir laqgha nhar l-4 t'April 2012 ghall-Kunsilli Maltin li jkunu nteressata filwaqt li dwar il-proposta li l-fondi li ma jintuzawx jithallew ghal-laqgha ta' l-Advisory Board, is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra u l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

2.19. Il-mozzjoni giet approvata kollha.

46/1964/12/I **07/03/2012** Email minghand Zum Coop b'lista ta' offerti li ghandhom jinhargu b'konnessjoni mal-progett tal-MedStrategy.

2.20. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 12.124 u ghall-korrispondenza numru 46/1964/12/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill johrog l-offerti kollha li hemm bzonn u l-perjodu jkun dak minimu permess bil-ligi, ***is-Sindku Joe Zammit qal li dan ghandu jigi diskuss aktar tard.***

46/1965/12/I **07/03/2012** Email minghand Zum Coop dwar inviti li ghandhom jinhargu b'konnessjoni mas-sessjonijiet li ghandhom isiru dwar il-progett MedStrategy.

2.21. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2012 item 12.128 u ghall-korrispondenza numru 46/1965/12/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex ladarba l-Kunsill ikollu l-informazzjoni minghand Zum Coop jinhargu l-inviti necessarji, ***is-Sindku Joe Zammit qal li dan ghandu jigi diskuss aktar tard.***

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 021/2012** b'rapport tal-laqghat tal-Bord ta' l-Ghazla Kwotazzjonijiet 30/2011, 2, 3 u 4/2012 **(Ara Dok. B); Internal Memo 022/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-PPCD (MedStrategy u OSDDT) **(Ara Dok. C); Internal Memo 023/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Absolute Cleaners Ltd. **(Ara Dok. D); Internal Memo 024/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Shawn Farrugia **(Ara Dok. E); Internal Memo 025/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-MEUSAC (Programm Youth) **(Ara Dok. F); Internal Memo 026/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Health Promotion Unit **(Ara Dok. G); Internal Memo 027/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Malta Polo Club **(Ara Dok. H); Internal Memo 028/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-YWCA **(Ara Dok. I); Internal Memo 029/2012** b'rapport tal-laqghat li kellhom id-Delegazzjoni minn Cetinje **(Ara Dok. J); Internal Memo 030/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mar-residenti ta' St. Andrews - Residential Parking **(Ara Dok. K); Internal Memo 031/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Avukat tal-Kunsill **(Ara Dok. L); Internal Memo 032/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mar-residenti ta' San Gorg - Residential Parking **(Ara Dok. M); Internal Memo 033/2012** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 11/K6/2012 u 12/K6/2012 **(Ara Dok. N); Internal Memo 034/2012** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 11/K6/2012 u 12/K6/2012 **(Ara Dok. O)** u Flyer – Attivita' coffee morning u Hamis ix-Xirka **(Ara Dok. P u Q).**

***3.02. Fis-6.00pm il-Kunsillier Joe Brincat talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

3.03. B'riferenza ghall-Internal **Memo 025/2012**, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill, jekk il-Kunsill huwiex ser jippartecipa f'din l-iskema.

3.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li prezenti kien hemm Ms. Rebecca Mercieca li hija s-Segretarja tal-Kunsill taz-Zghazagh ta' Pembroke. Il-kelliema pproponiet li Ms. Mercieca tinghata l-permess tikkomunika mal-Kunsill.

3.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.07. Ms. Mercieca nfurmat lill-Kunsill li minhabba progett iehor li ghandhom kif ukoll minhabba mpenji ohra ta' studji, huma tal-parir li japplikaw is-sena d-diehla ghall-progett ta' l-EU.

3.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex l-applikazzjoni tal-Kunsill ghal dan il-progett ta' l-EU issir meta jkunu jistghu l-Kunsill taz-Zghazagh.

3.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11. B'riferenza ghall-Internal **Memo 026/2012**, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill, jekk il-Kunsill huwiex ser jorganizza dawn il-korsijiet.

3.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova li jsiru dawn il-laqghat u eventwalment titqassam l-informazzjoni lir-residenti tal-lokal.

3.13. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15. B'riferenza ghall-Internal **Memo 027/2012**, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill, meta ser issir il-laqgha ghar-residenti dwar il-proposta tal-Malta Polo Club.

3.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din il-laqgha ghandha ssir nhar il-Gimgha 18 ta' Mejju 2012 fis-6.00pm fis-sala tal-Kunsill.

3.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.19. B'riferenza ghall-Internal **Memo 028/2012**, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill, meta ser issir il-laqgha kif miftiehem mal-YWCA.

3.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din il-laqgha ghandha ssir nhar it-Tnejn 9 ta' April 2012 fid-9.00am fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

3.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.23. B'riferenza ghall-Internal **Memo 029/2012**, is-Sindku Joe Zammit qal li b'zieda mar-rapport tas-Segretarju Ezekuttiv irid jizdied li d-delegazzjoni kellhom laqgha kordjali hafna mal-President tal-GRTU is-Sur Paul Abela. Il-kelliem qal li f'din il-laqgha is-Sur Abela spjega l-parti li hadet il-GRTU f'isem il-membri taghha fil-kampanja ghal shubija ta' Malta fl-EU. Fakkar ukoll fid-delegazzjoni li kienet giet l-ewwel darba mal-Kunsill ta' Pembroke u li hareg il-frott minn din il-laqgha ghax sar ftehim ta' koperazzjoni ma' l-ghaqda ta' l-imprendituri tal-Montenegro meta akkumpanjaw lill-President ta' Malta gewwa l-Montenegro. Awgura ghal aktar kuntatti bejn Malta u Montenegro u qal li l-GRTU lesta tghin lil dawk ta' Montenegro b'kulinkwa mod biex jissiehbu fl-EU. Irringrazzja lill-Kunsill Lokali Pembroke ghax permezz tal-laqgha mad-delegazzjoni l-ewwel darba, sar kuntatt siewi hafna bejn iz-zewg partijiet.

Stieden lir-rapprezentanti ta' Cetinje biex izommu nfurmati lil xulxin u mal-Kunsill habrieki ta' Pembroke.

3.24. B'riferenza ghall-Internal **Memo 030/2012**, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-proposta approvata mir-residenti prezenti kienet: Fl-akwati ta' l-Ex Parade Ground restrizzjonijiet ta' 30 minuta bejn nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha bejn 16.00 u 24.00, nhar ta' Sibt, Hadd u Festi Pubblici bejn id-09.00 u 24.00, u fl-akwati ta' madwar Sit F restrizzjonijiet ta' 30 minuta bejn nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha bejn 16.00 u 02.00, nhar ta' Sibt, Hadd u Festi Pubblici bejn id-09.00 u 02.00. Eventwalment il-Kunsill ircieva emenda biex nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis bejn 16.00 u 24.00, nhar ta' Gimgha, Sibt, Hadd u Festi Pubblici bejn l-16.00 u 02.00.

3.25. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-proposti ghandhom ikunu : A) Fl-akwati ta' l-Ex Parade Ground restrizzjonijiet ta' 30 minuta bejn nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha bejn 16.00 u 24.00, nhar ta' Sibt, Hadd u Festi Pubblici bejn id-09.00 u 24.00, u B) Fl-akwati ta' madwar Sit F restrizzjonijiet ta' 30 minuta bejn nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha bejn 16.00 u 02.00, nhar ta' Sibt, Hadd u Festi Pubblici bejn id-09.00 u 02.00.

3.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.28. B'riferenza ghall-Internal **Memo 031/2012**, is-Sindku Joe Zammit irrefera ghat-talba ghall-permess ghal dawl provizorju ghal tal-kiosk, fejn talab, li bhal ma kien ghamel fl-ahhar laqgha, huwa bhala Sindku jinghata l-inkarigu biex jiffirma l-applikazzjoni ghal dawl provizorju. Il-kelliem qal li ghalkemm il-Pulizija tista' taghti l-permess minghajr l-involviment tal-Kunsill, xorta jhoss li l-Kunsill m'ghandux isib diffikulta' l'anke l-Kunsill jilqa' t-talba tas-sinjur. Il-kelliem ippropona wkoll li kull talba ohra fil-futur ghandha tkun diskussa u deciza fuq il-mertu taghha.

3.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li fil-laqgha tal-Kunsill riferenza 03/K6/2012 item 8.28, kienet saret riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7429/11/I u 46/7675/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li sakemm is-Sindku Joe Zammit ma jkunx prezenti, il-Kunsill ghandu jitlob laqgha mas-sur Sammut fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit sabiex is-Sindku Joe Zammit jispjega kif dan qed jghid l'inghata permess mis-Sindku, liema permess inhareg minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill, jekk inhareg. Fl-istess laqgha l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekondat mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien ippropona ukoll li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghal din it-talba, liema talba kienet giet approvata unanimament. Fid-dawl ta' dan il-kelliem informa lill-Kunsill li la darba hemm decizjoni, sabiex dik id-decizjoni tinbidel hemm bzonn ta' rizoluzzjoni specjali.

3.30. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir laqgha b'urgenza wara li tintemm l-istess laqgha tal-Kunsill.

3.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.33. B'riferenza ghall-Internal **Memo 032/2012**, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-proposta approvata mir-residenti prezenti kienet: Restrizzjonijiet ta' 30 minuta l-granet kollha tas-sena fuq bazi ta' 24 siegha kuljum.

3.34. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japplika skond dawn il-hinijiet.

3.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

4.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li meta jsiru attivitajiet tal-Kunsill, bhal ma sar il-coffee morning fil-jiem li ghaddew, fuq ic-cirkulari li jintbghatu lir-residenti ghandu jitnizzel l-isem tal-Kunsillier li jkun qed jaghmel ix-xoghol u li jkun qed jorganizzah u mhux ta' min ma jersaq xejn ghajr forsi dakinhar ta' l-attivita' biex jidher.

4.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li huwa jinsisti li jitnizzel ismu meta l-attivitajiet ikunu jaqghu taht id-dikasteru tieghu

4.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li fuq il-poster ghandu jitnizzel l-isem tal-membru tal-Kunsillier li l-attivita partikulari tkun taqa' taht id-dikasteru tieghu,u dan kif dejjem sar u approvat mill-Kunsill

4.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet ghala l-prezz tal-coffee morning sar €5.00 meta l-ispiza kienet irhas.

4.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-qliegh, kif approvat mill-Kunsill, ser imur ghall-Community Chest Fund fl-ahhar tas-sena.

4.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li s-suggeriment tal-proposta taghha kien li jekk ikun hemm qliegh normali u mhux jintalab prezz ghola biex jingabru l-fondi. Il-kelliema esklamat li hija thoss li dan kien sfruttament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-8 u t-28 ta' Marzu 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/1410/12/I** 22/02/2012 Email minghand is-Sur Aldo Schembri fejn informa lill-Kunsill bid-dizastru li hemm fl-akwata tal-BMX fejn wara li kien ga baghat email, il-Kunsill m'ghamel xejn biex inaddfu u talab biex isir id-dawl ma' l-arbli li hemm fl-akwati.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1410/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li rigward it-tindif sar hafna xoghol. Il-kelliem qal ukoll li rigward id-dawl jekk hemm xi dawl mal-lampi tat-triq maqtugha dawn ghandhom jigu rrapurtata lill-Korporazzjoni Enemalta li ghada sid ta' l-arbli tad-dawl tat-toroq.

6.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-talba hija biex jizdied dawl gdid m'arbli li diga hemm.

6.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob stima tal-lampi li hemm bzonn u wara tigi diskussa mill-Kunsill.

6.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1915/12/I**
06/03/2012
Rapport minghand il-Contracts Manager Raphael Carabott dwar it-tenders Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens u Tender Cleaning & Embellishment of Urban, Non Urban & Open Areas ghax-xahar ta' Frar fejn qed jirrakomanda li jekk mhux ser ikun hemm titjib f'Marzu l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jigi terminat il-kuntratt tal-kuntrattur.

**46/2114/12/I**
10/03/2012
**46/2124/12/I**
12/03/2012
Email minghand is-sur Raphael Carabott fejn informa lill-Kunsill li min spezzjoni fuq l-post fi Triq Pietro Rossel jirrizulta li l-haxix ngabar wara li nqata' izda xi skart fil-konok ma ngabarx u l-kuntrattur hu avzat biex jigbor l-iskart li hemm kif ukoll hemm xi bankijiet msadda u mkissra quddiem B7.

**46/2184/12/I**
14/03/2012
Email minghand is-sur Raphael Carabott fejn b'riferenza ghal-laqgha li saret baghat rapport ta' hidma li ghandhom isiru u talab sabiex nghadduwa lill-kuntrattur by hand peress li m'ghandux email u talab sabiex jiffirma fuqha.

**46/2386/12/I**
**46/2387/12/I**
**46/2388/12/I**
**46/2389/12/I**
23/03/2012
Diversi emails minghand il-Contracts Manager Raphael Carabott jilmenta mal-Kunsill ghan-nuqqas ta' xoghol, nuqqas ta' koperazzjoni, xoghol hazin kif ukoll li l-haddiema tal-kuntrattur Shawn Farrugia ma dehru imkien fil-lokal u li prova jaghmel komunikat maghhom izda hadd ma jwiegbu.

**46/2405/12/I**
26/03/2012
Email minghand is-Sindku Joe Zammit jinforma lill-Kunsill li huwa ddispjacut bl-atteggjament tal-kuntrattur Shawn Farrugia ghax-xoghlijiet pendenti li ghandu u nforma l-Kunsill li s-Sibt 24 ta' Marzu kien hemm open day fl-impjant ta' Reverse Osmosis li attendew hafna familji kif ukoll il-Ministru Tonio Fenech u li zgur innutaw it-tankijiet mimlija skart li kienu ilhom hemm aktar minn gimghatejn.

**46/2473/12/I**
28/03/2012
Rapport minghand il-Contracts Manager Raphael Carabott dwar it-tender Cleaning & Embellishment of Urban, Non Urban & Open Areas ghax-xahar ta' Marzu fejn qed jirrakomanda li l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jigi terminat il-kuntratt tal-kuntrattur minhabba nuqqasijiet kbar.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1915/12/I, 46/2114/12/I, 46/2124/12/I, 46/2184/12/I, 46/2386/12/I, 46/2387/12/I, 46/2388/12/I, 46/2389/12/I, 46/2405/12/I u 46/2473/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li bl-akbar responsabbilta' u meta wiehed jinnota dawn ir-rapporti nkluz l-ahhar rapport tax-xahar ta' Marzu, huwa qal li ma kienx f'pozizzjoni li japprova estenzjoni ohra tal-kuntrattur tas-sur Shawn Farrugia. Ghaldaqstant il-kelliem ippropona li: 1) Il-Kunsill ghandu jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Contracts Manager kif elenkat mill-ewwel rapport u minn issa, meta tiskadi din l-estenzjoni ma jergax jiggedded il-kuntratt ezistenti tas-sur Shawn Farrugia, 2) Biex ix-xoghol jinghata b'kuntratt temporanju u bil-prezzijiet indikati fit-tender lil dak il-kuntrattur li ghazel il-Kunsill u 3) li ghandha ssir il-laqgha mad-Direttur DGL fuq dan il-punt biex sat-tmiem ta' l-estenzjoni tal-kuntratt il-Kunsill ikollu direzzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fuq dan il-punt.

6.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jistax ikun prezenti u jivvota li jigi tterminat il-kuntratt u dan fid-dawl li fil-passat il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien iddikjara li kellu nteress pekunarju.

6.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-laqgha li saret fil-jiem li ghaddew l-Avukat tal-Kunsill Luciano Busuttil irrimarka li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jista' jattendi sakemm dan parsonalment ma jiddikjarax li ghandu nteress pekunarju. Hawn sar kommunikat permezz tat-telefone mis-Segretarju Ezekuttiv ma' l-Avukat tal-Kunsill l'ikkonferma li sta ghall-Vici Sindku jiddeciedi jekk ghandux interess pekunarju jew le. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li l-Avukat irrimarka li, li kieku kien ghalih, huwa kien jastjeni, izda rrimarka wkoll li d-decizjoni trid titiehed mill-persuna partikulari, ghax hija biss taf x'interess jista' jkollha.

6.11. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli m'ghandux relazzjoni mal-kuntrattur izda m'impjegat tal-kuntrattur, li jigi huh, u ghalhekk m'hemm ebda nteress pekunarju u dan skond l-Att tal-Kunsilli li jsemmi persuni li jkunu iddikjarati li joholqu interess pekunarju.

6.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li, minghajr ma jidhol fil-mertu ta' dak propost inkluz jekk il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandux interess pekunarju jew le, b'riferenza ghal fejn qed jigi propost li x-xoghol jinghata b'kuntratt temporanju u bil-prezzijiet indikati fit-tender lil dak il-kuntrattur li kien ghazel il-Kunsill fit-tenders li nhargu godda, din ma tistax issir minhabba li l-ammont jizboq l-ammont allokat bhala Direct Order.

6.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa kien issekonda l-mozzjoni ghax jaqbel ukoll mar-rakkomandazzjoni tal-Contracts Manager tal Kunsill u minhabba li ma jhossx li ghandu nteress pekunarju kif ukoll fid-dawl li l-Kunsill prezentament qed jehel aktar minn €1,000 fix-xahar zejjed minhabba li sar appell.

6.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-proposti kollha li qed isiru mis-Sindku Joe Zammit u d-decizjonijiet li ser jittiehdu ghandhom kollha x'jirrelataw mal-fatt, li, hu l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jahdem mal-kuntrattur Shawn Farrugia.

6.15. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur il-mozzjoni kollha filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra parti 1 u 2 izda favur parti 3.

6.16. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija ta' l-opinjoni li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ma kellux jippartecipa fil-mozzjoni.

6.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien ippartecipa abbazi tal-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill li huwa seta' jkun prezenti ghal-laqghat mal-kuntrattur Shawn Farrugia u dan kif rifless ukoll mir-rapport l'pprezenta s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg lill-Kunsill kif ukoll ghax jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Contracts Manager tal-Kunsill

6.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet kemm kellu granet allokata Absolute Cleaners Ltd. biex jaghmel ix-xoghol fid-dahla ta' Pembroke, u dan minhabba li diga ilu jumejn jahdem fuq l-istess sit minghajr m'ikkonkluda x-xoghol.

6.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan il-kuntratt ma kienx abbazi ta' granet, izda hemm indikata lista ta' siti u frekwenzi ta' kemm ghandu jsir xoghol.

6.21. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-kuntrattur Shawn Farrugia ghandu hafna xoghol mhux konkluz fosthom fit-Triq li taghti ghall-impjant ta' l-RO fejn hemm bins l'ilhom imfawra bl-iskart ghal-gimghat shah u zgur li fl-open day li saret fl-impjant tar-Reverse Osmosis, fejn attenda l-Onor. Ministru Tonio Fenech u hafna familji, rawhom. Il-kelliem irrimarka wkoll li fl-akwati ta' Triq l-Imhallef William Harding ukoll hemm hafna skart fejn kellu jitnaddaf is-sit bi preparazzjoni ghat-tigrijiet ta' Pembroke, l'izda sfortunatament it-tindif ma sarx sewwa.

**46/2098/12/I** 09/03/2012 Kwotazzjoni minghand Pembroke Athleta Bar ghall-coffee morning ghall-prezz ta' €3.50 kull persuna eskluz il-VAT.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2098/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill jirratifika l-approvazzjoni ta' din l-istima.

6.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2128/12/I** 12/03/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email tal-Kunsill rigward appell fuq tender 8/2011 nformaw lill-Kunsill li ghandha tintuza l-istess procedura bhal dik ta' l-appell fuq it-tender tal-Perit.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2128/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-fatt hekk gara fl-ahhar laqgha tal-Kunsill fejn approva estenzjoni ta' xahar sat-18 ta' April 2012.

**46/2142/12/I** 13/03/2012 Email minghand Pembroke Athleta Bar fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex nhar il-Hadd l-1 t'April jarmaw bar barra fil-car park ta' Pembroke Athleta.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2142/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni li jinghata dan il-permess basta li wara jitnaddaf kull skart li jorigina minn din l-attivita'.

6.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2157/12/O** 13/03/2012 Ittra fejn fuq talba tal-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat il-Kunsill staqsa jekk waqt laqgha li kien hemm bejn il-Kunsill, il-kuntrattur Shawn Farrugia u l-Contracts Manager setax ikun prezenti il-Vici Sindku peress li jigi hu haddiem.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2157/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill wiegeb li l-Vici Sindku seta' jattendi u kien biss impediet milli jattendi ghall-aggudikar tat-tenders.

**46/2162/12/I** 13/03/2012 Email minghand Ms. Janet Ellul Robson fejn b'riferenza ghall-email li rceviet minghand il-Kunsill, infurmat lill-Kunsill li t-tabelli ta' no parking tpoggew xhur ilu u li ser tnehhijhom malli tasal id-dar u gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-MC li hemm mizbugha hija kbira wisq.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2162/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jivverifika dak li qed tghid is-sinjura u fl-istess waqt ippropona li ghandhom isiru il-linji tal-parkegg fit-triq kollha.

6.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u rrimarkat li kellha rapport minghand xi resident li kien hemm is-Sindku prezenti fi Triq Dun Amabile Sisner ikejjel xi marki tat-traffiku u saret xi zebgha.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.33. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-marki tal-parkegg quddiem is-sinjura kienu saru minn Koptasin u wara spezzjoni u fuq parir tas-sur Josie Brincat minn TM. Dwar xi marki ohra li qed tirreferi ghalihom il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-kelliem qal li s'issa ghad ma kien hemm ebda awtorizzazzjoni mill-Kunsill u ghalhekk huwa ma jafx bix-xoghol li qed jinghad.

**46/2180/12/I** 14/03/2012 Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu l-awtorizzazzjoni ta' self ghall-progetti tal-MED.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2180/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex jigi iffirmat il-ftehim halli jitkompla x-xoghol fuq iz-zewg programmi anke wara li l-Kunsill sema' lill-Avukat tal-Kunsill fuq din il-materja u dan dejjem jekk Zum Coop jipprovdu l-materjal kollu sal-Gimgha 30 ta' Marzu 2012. (Hawn sar komunikat bit-telefon mas-Sur Lawrence Attard fejn ikkonferma li l-materjal kollu pendenti kien ser ikun lest)

6.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2189/12/I** 14/03/2012 B'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward CCTV fi Triq Suffolk, ir-Regjun Tramuntana nfurmaw lill-Kunsill li dawn it-talbiet ser jinzammu pendenti sakemm ir-Regjun jidhol f'kuntratt mal-Kumpanija gdida.

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2189/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2190/12/I** 14/03/2012 B'riferenza ghall-itttra tal-Kunsill rigward it-tabelli ta' projbizzjoni ta' tipjip fil-playgrounds u gonna pubblici, ir-Regjun Tramuntana nforma lill-Kunsill li dawn ghandhom isiru mill-Kunsilli Lokali rispettivi.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2190/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex dawn isiru ghas-spejjez tal-Kunsill biex ikunu konformi ma' l-Att Legali.

6.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li mportanti li jsir l-infurzar taghhom.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2191/12/I** 14/03/2012 B'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward CCTV biswit Bring in Sites, ir-Regjun Tramuntana nformaw lill-Kunsill li r-Regjun qed jivverifika rigward il-provvista, nstallazzjoni u moniteragg ta' dawn ic-CCTV.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2191/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2205/12/I** 15/03/2012 B'riferenza ghall-email tal-Kunsill rigward bozoz f'Juno Flats, l-Avukat tal-Kunsill Luciano Busuttil, informa lill-Kunsill li huwa obbligu tar-residenti li l-manutenzjoni ssir minnaha taghhom u l-Kunsill ma jistax jaghmel dan ix-xoghol.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2205/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minnaha tieghu huwa xorta wahda jhoss li l-Kunsill ghandu iqajjem dan il-punt mad-Direttur tad-DGL ghax ma jistax jifhem kif nofs il-progett ta' tisbih u manutenzjoni tal-bitha u ndani pubblici kien sar flimkien mal-Ministru, u issa l-Kunsill ma jistax jiehu hsieb il-manteniment ta' dak li nefaq.

6.43. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill l'issa kemm id-DGL kif ukoll l-Avukat tal-Kunsill infurmaw bil-miktub lill-Kunsill li xoghol f'Juno Flats ma jistax isir mill-Kunsill.

6.44. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li la darba kien sar ix-xoghol, skond dak indikat, issa l-manutenzjoni ghandha ssir mir-residenti stess.

**46/2212/12/I** 15/03/2012 Persuna l'attendiet ghal seminar fl-Ufficcju tal-Principal tal-Kullegg Santa Klara, ilmentat li mar Gwardjan Lokali fi Triq Martin Luther King hareg hafna citazzjonijiet ghaliex kienu pparkjati fuq il-bankini u lmentat li m'hemm imkien iktar fejn jipparkjaw.

**46/2376/12/I** 23/03/2012 Ittra minghand il-Principal tal-Kullegg Santa Klara f'isem in-nies li jahdmu l-Kullegg fejn talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex il-multi li qalghu nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu jigu mahfura.

**46/2331/12/I** 21/03/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li rcieva l-Kunsill minghand il-Kullegg Santa Klara rigward problema ta' parkegg talbet sabiex tigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2212/12/I, 46/2376/1/I u 46/2331/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa nnota li fl-ittra tal-Principal hemm indikat li l-indirizzi tat-tahrika skond hija huma kollha fuq in-Naxxar u allura dawn suppost li jaqghu ghax indirizz hazin izda hawn ukoll iridu jikkontestaw quddiem il-BORD. Il-kelliem qal li rigward il-parkegg, fl-istess ftit il-fuq hemm pjazza gmiela fejn wiehed jista' jipparkja u meta jkollhom x'attivita' ghandhom jinfurmaw lill-Kunsill halli l-Kunsill jekk ikun jista', jaghmel arrangament mal-Gwardjani u r-Regjun. Il-kelliem qal ukoll li l-Principal ghandha tigi nfurmata li d-Delega ta' l-Infurzar tal-Ligi hija ghand ir-Regjun u mhux ghand il-Kunsill.

6.46. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li meta jkun hemm okkazjonijiet simili mid-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni, ghandu jinfetah il-parkegg ta' l-iskola fil-vicin.

**46/2219/12/I** 15/03/2012 Lista ta' talks mill-Primary Health inkluz kif ser ikunu imqasmin u talbu konferma tad-dati minghand il-Kunsill.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2219/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2231/12/I** 15/03/2012 Ilment minghand is-sur Ronald Sultana li l-borza s-sewda, regghet mhux qed tingabar minn quddiem id-dar tieghu.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2231/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2239/12/I** 16/03/2012 Financial Statements ghas-sena 2009 minghand il-Kumitat Kongunt ta' l-LES.

**46/2240/12/I** 16/03/2012 Financial Statements ghas-sena 2010 minghand il-Kumitat Kongunt ta' l-LES.

**46/2241/12/I** Financial Statements ghas-sena 2011 minghand il-Kumitat Kongunt ta' l-

16/03/2012 LES.

6.49. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2239/12/I, 46/2240/12/I u 46/2241/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2273/12/I** 16/03/2012 Minuti tal-laqgha li saret mal-PPCD nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu 2012 rigward il-progetti OSDDT u MEDSTRATEGY.

**46/2306/12/O** 20/03/2012 B'riferenza ghal-laqgha li kienet saret mal-PPCD, email lil Zum Co-op Ltd. fejn gew imfakkra li l-Kunsill inghata termini stretti fuq bosta affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-MEDStrategy u ma' l-OSDDT u b'hekk gew mitluba biex jibghatu d-dokumenti mitluba sa l-Erbgha 21 ta' Marzu 2012.

6.50. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2273/12/I u 46/2306/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ma jistax ikun li huwa jerga’ jattendi ghal-laqgha simili u jispicca vittma ta’ kritika tal-PPCD meta min suppost ghamel ix-xoghol, spicca s’issa ghadu mhux konkluz.

**46/2276/12/I** 20/03/2012 Email minghand Mouna Ben Ahmed fejn talbet sabiex taghmel work phase mal-Kunsill bejn it-28 ta’ Mejju u s-6 ta’ Lulju 2012.

**46/2290/12/I** 20/03/2012 Email minghand Ms. Aurelie Coste fejn tablet sabiex taghmel work phase mal-Kunsill bejn il-21 ta' Mejju u it-30 ta' Gunju 2012.

**46/2474/12/I** 28/03/2012 Email minghand Dalila Idiri fejn talbet sabiex taghmel work phase mal-Kunsill bejn is-7 ta’ Mejju u s-7 ta’ Lulju 2012.

6.52. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li l-Kunsill diga approva talba ohra bejn is-7 ta’ Mejju u s-7 ta’ Lulju.

6.53. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2276/12/I, 46/2290/12/I u 46/2474/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tigi accettata t-talba ta’ Ms. Dalila Idiri bejn is-7 ta’ Mejju u s-7 ta’ Luju 2012

6.54. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2291/12/I** 20/03/2012 Stima minghand il-Perit tal-Kunsill ghal xoghol ta’ patching ordnat mill-Kunsill.

6.56. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2291/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol kien emergenza minhabba l-periklu li xi hadd iwegga’ jew jaghmel hsara fil-vettura tieghu kif ukoll minhabba l-girja nazzjonali/internazzjonali li ser issir gewwa Pembroke fl-1 ta’ April. Il-kelliem qal li x-xoghol mitlub mill-Kunsill issa huwa kollu lest u wiehed jista’ jdur u jara.

6.57. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li hemm bzonn ta’ patching fi Triq Juno u f’toroq ohra.

6.58. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li hemm bzonn patching ukoll fit-triq ta’ l-RO, Triq Salvatore Castaldi, Triq it-Torri tal-Madlien, Triq Camillo Sciberras u toroq ohra.

6.59. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-vot allokat kien dak ta’ €53,415.00, li minnhom diga ntefqu madwar €10,000.00 patching, il-progett tal-PPP Triq Henin huwa stmat madwar €27,000.00 ghajr is-servizzi kif ukoll hemm xoghol iehor ordnat lill-J&K Contractors Ltd. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsill li qabel jigi ordnat xoghol ghandu jkun hemm stima.

6.60. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li tingabar stima tal-patching kollu li hawn bzonn fil-lokal.

6.61. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.63. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li fi Triq Henin kien hemm patching li ghadu kif sar fil-jiem li ghaddew li diga beda jinqala'.

**46/2322/12/I** 21/03/2012 Invoice ta' €800.00 minghand il-PARKS ghall-qlugh ta' 13 il-palma minn madwar Pembroke.

**46/2378/12/I** 23/03/2012 Ittra minghand id-Direttorat ghas-Sahha tal-Pjanti fejn talbu biex inehhu palma nfettata bil-bumunqar li hemm fi Triq il-Profs Walter Ganado.

**46/2379/12/I** 23/03/2012 Ittra minghand id-Direttorat ghas-Sahha tal-Pjanti fejn talbu biex inehhu palma nfettata bil-bumunqar li hemm fi Triq Dun Guzepp Farrugia.

**46/2380/12/I** 23/03/2012 Ittra minghand id-Direttorat ghas-Sahha tal-Pjanti fejn talbu biex inehhu palma nfettata bil-bumunqar li hemm fi Triq Juno.

**46/2381/12/I** 23/03/2012 Ittra minghand id-Direttorat ghas-Sahha tal-Pjanti fejn talbu biex inehhu palma nfettata bil-bumunqar li hemm fejn ir-Reverse Osmosis.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2322/12/I, 46/2378/12/I, 46/2379/12/I, 46/2380/12/I u 46/2381/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova li jsir dan ix-xoghol u xoghol iehor li hemm bzonn ghall-prezz ta' €800.00

6.65. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2324/12/I** 21/03/2012 Email minghand il-YWCA fejn baghtu xi dokumenti kif mitlub mill-Kunsill u kkonfermaw li ghandha ssir laqgha ohra sabiex tittiehed decizjoni finali dwar ix-xoghol pendenti.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2324/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2350/12/I** 22/03/2012 Email minghand is-sur Patrick Gauci fejn b'riferenza ghal-laqgha li saret mar-residenti, baghat il-proposti tieghu ghar-residential parking scheme.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2350/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn gew inkluzi fil-proposti li tqajmu fil-laqgha li ghaliha dan is-sinjur kien prezenti.

**46/2382/12/I** 23/03/2012 Petizzjoni minghand numru ta' persuni/residenti jappogjaw it-talba tal-Kiosk Buon Apetit biex jinghata l-permess tal-Kunsill ghall-arlogg tad-dawl temporanju.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2382/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2391/12/I** 23/03/2012 Email minghand id-DGL fejn talbu lill-Kunsilli sabiex jibghat lista ta' progetti kulturali, storici jew urban transformation projects vis-à-vis il-Valletta 2018 Foundation.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2391/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda biex il-Kunsill jitlob ghall-finanzjament ghal manutenzjoni u riabilitazzjoni tal-Batterija.

6.71. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din l-iskema ma qed toffri ebda finanzjament izda qed tingabar biss informazzjoni dwar progetti li ghandu l-Kunsill.

6.72. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill m'huwiex f'pozizzjoni li jorbot il-Kunsill li jmiss bi progetti nfrastrutturali godda u ghalhekk ghandhom jigu nfurmata f'dan is-sens.

**46/2395/12/I** 23/03/2012 Kopja ta' ritratt li l-Awtorita' tad-Djar rcievew u baghtuh lill-Kunsill dwar gnien li qed jghid li huwa llegali fi Trejqet ir-Regimenti Maltin.

6.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2395/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jekk il-gnien qieghed fi propjeta' jew art li hija moghtija lill-Housing allura hija l-Housing li ghandha tiehu azzjoni. Jekk il-gnien qieghed f'art pubblika u huwa parti jew mod ta' kif resident qed jiehu hsieb art, li jekk ma jindukrajiex issir mitluqa u mizbla, allura jiena nipproponi li dan ir-resident ghandu jinghata l-permess li jindokrha minghajr ebda pretenzjoni fuq l-art bhal ma ghamel il-Kunsill matul dawn is-snin kollha u b'hekk heggeg residenti jippartecipaw biex l-ambjent ta' madwarhom jibqa' sabih u nadif.

6.74. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-unika Familja li kienet ghamlet talba u nghata koncessjoni hija l-Familja Mifsud ta' Blokk 9, Flat 6, Triq Tobruk. (Rif. 46/3665/03/I - 09/12/2003)

6.75. B'riferenza ghall-item 2.01 diskussa aktar kmieni, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex isiru l-pjanti tas-siti li l-Kunsill kien ta koncessjoni fuqhom.

6.76. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2401/12/I** 26/03/2012 Ittra minghand Ms. Audrey Farrugia fejn talbet biex il-Kunsill jerga' jikkunsidra t-talba taghha biex issir sleeping policeman fil-kantuniera ta' Triq Dun Amabile Sisner ma' Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' minhabba l-periklu li qed ikun hemm fis-sewqan.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2401/12/I**, wara li kien hemm diskussjoni, is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-decizjoni tal-Kunsill hija finali.

6.79. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2402/12/I** 26/03/2012 Ittra minghand Dr. Emmanuel Mallia jitlob il-permess tal-Kunsill biex isir uzu mir-Range li hemm biswit it-Torri tal-Madlien sabiex ikun ipprattikat l-isport ta'sparar fuq il-plattini ghat-tlett xhur tas-Sajf.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2402/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li jkun ipprattikat dan l-isport specjalment issa li hafna kaccaturi ma jistghux jipprattikaw id-delizzju taghhom minhabba l-gheluq ta' l-istagun tal-kacca. Il-kelliem irrimarka li huwa mportanti li fl-ittra jinghad li n-'No Objection' tal-Kunsill ma tnehhi bl-ebda mod id-dritt u obbligu ta' l-applikant li jikseb permessi ohra minghand awtoritajiet ohra koncernata.

6.82. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2411/12/I** 26/03/2012 — Email minghand is-sur L. Dimech jilmenta li jinsabu preokkupati bit-telqa li hemm hdejn Blokk 4 Triq Sir Luigi Preziosi u l-madwar fejn hemm haxix hazin, cnagen imwaqqa', tabelli li marrilhom il-kitba u l-kulur u problema ta' parkegg fil-weekends u festi pubblici kif ukoll dizastru fil-bandli.

6.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2411/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jiddispjacih meta resident jikteb li hemm telqa u haxix hazin u ghalhekk qal li dak li hemm bzonn isir bhal bdil ta' tabelli, qtugh ta' haxix u tiswija tac-cnagen.

6.85. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li t-tabelli li hemm nieqsa jew hemm bzonn li jinbidlu, ghandhom jigu ordnata.

6.86. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2413/12/I** 26/03/2012 — Ritratt ta' l-abbozz minghand Mediterranean Ceramics tal-mudell ta' l-arlogg u talab konferma tieghu.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2413/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova d-disinn.

6.89. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2419/12/I** 26/03/2012 — Email minghand TCTC fejn baghtu numru ta' mistoqsijiet sabiex ikun jistghu jikkwotaw ghall-kwotazzjonijiet li hareg il-Kunsill rigward korsijiet tal-kompjuter.

6.91. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2419/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li ser tikseb aktar informazzjoni u wara tinforma lill-Kunsill ghall-mistoqsijiet ta' TCTC.

**46/2449/12/I** 27/03/2012 — Email minghand il-Konslu Malti fil-Kanada titlob informazzjoni dwar il-lokal biex tintuza fi programm fuq it-TV bl-isem Lehen Malti li jixxandar fil-Kanada.

6.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2449/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex jintbaghat ktieb dwar Pembroke.

6.93. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li ghandu jsir komunikat maghha dwar possibilitajiet ta' rabtiet ta' residenti li jista' jkun hemm bejn Malta u l-Kanada u rrakkomandat li l-ktieb jintbaghat permezz ta' Diplomatic Post.

6.94. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2496/12/I** 28/03/2012 — Email minghand l-AKL jitolbu konferma minghand il-Kunsill vis-à-vis ix-xoghol ta' manutenzjoni li jsir mill-WSC dwar jekk il-Kunsill jixtieqx li r-reinstatement isir mill-WSC jew isir mill-Kunsill u jintalab rimburzar ghalih.

6.95. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2496/12/I**, wara diskussjoni li kien hemm, is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jitlob li x-xoghol ghandu jsir direttament mill-WSC.

6.96. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.97. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda laqghat minhabba li kien hemm l-elezzjonijiet f'certi Kunsilli li jaghmlu parti minn dan il-Kumitat Regjonali.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsir coffee morning fil-Bar tal-klabb ta’ Pembroke Athleta nhar it-Tnejn 23 ta’ April 2012, kif ukoll ippropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet pubblici ghal servizzi ta’ Coffee Morning.

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet l’issir attivita’ fil-format t’ikla ta’ nofsinhar ghal Jum l-Omm nhar il-Gimgha 11 ta’ Mejju 2012, liema attivita’ ghandha ssir fil-Bar tal-klabb Pembroke Athleta. Il-kelliema pproponiet ukoll l’issir attivita’ ghal Jum l-Ewropa nhar il-Hadd 6 ta’ Mejju 2012.

8.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li fl-ahhar attivita’ tal-Coffee Morning ingabru €19.00 minn dawk prezenti fondi ghal fond ta’ l-Istrina.

8.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dawn tpoggew fil-Piggy Bank ta’ l-Istrina li hemm fir-Reception tal-Kunsill.

8.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issuggerit li meta jsir gbir simili, id-donazzjonijiet ghandhom jingabru fil-piggy bank ta’ l-istrina.

8.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill taz-Zghazagh Pembroke ghandhom bzonn jigbru xi stimi ghall-progett li ghandhom u ppproponiet li la darba jipprovdu d-dettalji, l-istimi ghandhom jingabru mill-Kunsill.

8.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Decizjoni dwar kwotazzjoni 30/2011.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett ghandu jithalla ghal darb’ ohra.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta’ pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. R u S)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif pprezentati ghajr il-kontijiet tal-J&K Contractors Ltd. minhabba li ghadhom ma gewx iccertifikati mill-Perit tal-Kunsill.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.15pm, wara li nfurmhom li l-laqgha li jmiss ser tkun skedata ghal nhar l-Erbgha 18 ta’ April 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |